MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 1115/2005

**Raymond Micallef**
**Vs**
**Rita Micallef**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fejn l-attur iddikjara illi:-

(a) permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 8 ta' Mejju, 2003 huwa issepara minn mal-konvenuta;

(b) ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni, pagna 7, klawsola (e) gie patwit illi mid-data tas-separazzjoni kull parti kellha tkun obbligata tissottometti Income Tax Return separatament;

(c) Kuntrarjament ghal dak espress f'dan l-artikolu, l-intimata qed issostni illi kull hlas ta' taxxa antecedenti kien a karigu tal-attur, kif hemm indikat fl-ittra legali (Dokument B);

(d) Huwa ircieva intimazzjoni mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni ghall-hlas ta’ arretrati ta’ taxxa, liema taxxa tirrisali ghal meta l-partijiet kienu ghadhom ma isseparawx u meta kienu jikkompilaw r-return tat-taxxa konguntivament;

(e) Huwa informa l-intimata b’dan il-kont tal-arretrati u gie mitlub jinnegozja mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni bl-approvazzjoni tal-intimata u nfatti wasal sabiex ikkonkluda ftehim mad-Dipartiment;

(f) Ghalhekk l-arretrati dovuti minn entrambi l-konjugi jammontaw ghal tmien mija u tnejn u ghoxrin Lira Maltija (Lm822) pagabbli b’rati ta’ seb u ghoxrin Lira (Lm27) ghal 30 xahar mill-1 ta’ Mejju, 2004.

(g) L-attur interpella l-intimata thallas is-sehem taghha ammontanti ghal erba mija u hdax Il-Lira (Lm411) pagabbli f’rati ta’ tlettax il-Lira u hamsin centezmu Lm13.50 mensili ghal tletin xahar izda hi baqghet inadempjenti.

(h) Nonostante korrispondenza varja esebita u mmarkata dokumenti E, F, G, H, I, J, K u L, l-intimata baqqghet ostinament tiddekadi mill-obbligu taghha u tinterpreta l-kuntratt erronjament.

L-attur ghalhekk talab lit-Tribunal;-

(i) jiddikjara l-intimata responsabbli ghall-hlas ta’ arretrati ta’ taxxa fl-ammont ta’ erba mija u hdax Il-Lira Maltin (Lm411) stante illi t-taxxa kienet giet iddikjarata konguntivament mill-partijiet illi t-tnejn kienu jahdmu u jaqilghu introjtu;

(ii) jiddikjara l-intimata thallas is-somma ta’ erba mija u hdax Il-Lira Maltin (Lm411) lill-attur anke jekk ikun il-hlas tal-istess somma f’ammonti in linja mal-pagamenti mensili dovuti lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni skond Dokument C u D izda bl-ordni li thallas u tirrimborsa kull pagament maghmul mill-attur ghan-nom taghha lid-Dipartiment sad-data tas-sentenza.

Ra r-risposta tal-konvenuta li eccepiet is-segwenti:-

(j) id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li t-Tribunal ghat-Talbiet Zghar m'ghandux gurisdizzjoni biex jinterpreta kuntratti ta' separazzjoni bejn il-kontendenti u dan skond Legal Notice numru 397/2003.

(ii) il-kontendenti sseparaw skond kuntratt ta' separazzjoni datat 8 ta' Mejju, 2003 fl-atti tan-Nutar Dr. Elena Farrugia.

(iii) ai termini tal-istess kuntratt ta' separazzjoni l-konvenuta assumiet id-dejn hemm elenkat u ghalhekk kull dejn iehor li kien jispetta lill-attur u/jew lil kommunjoni tal-akkwisti kien a kariku tal-istess attur.

(iv) illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni baghat kont ta' hlas ta' taxxa lill-attur u ghalhekk id-dejn li ghandu l-attur mal-istess Kummissarju tat-Taxxa huwa tieghu u mhux tal-konvenuta.

(v) illi l-konvenuta ai termini tal-istess kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi ftehmet li hija responsabbli ghad-dejn kollu li hija taghmel minn dik il-gurnata ta' separazzjoni 'l quddiem u ghalhekk kull dejn antecedenti tal-kommunjoni tal-akkwisti salv dak li kien hemm indikat fl-istess kuntratt huwa a karigu tal-istess attur.

(vi) Illi mhux minnu li hi ghandha taghti xi haga lill-zewgha l-attur kif minnu pretiz u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

(vii) Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra s-sentenza in parte tat-Tribunal datata 20 ta' April 2006 fejn giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda tal-attur Raymond Micallef li jispjega illu hu u martu l-konvenuta kienu sseparaw skond kuntratt ta'

separazzjoni datat 8 ta’ Mejju, 2003. Kien ghall-habta ta’ Jannar jew Frar tas-sena 2004, meta l-attur kien mar jigbor it-tfal minghand il-mara u kienet infurmatu illi kienet irceviet ittra minghand id-Dipartiment tat-Taxxi Interni rigward xi arretrati ta’ taxxa bejn is-snin 1995 u 1996.

L-attur jispjega kif hu kien mar ikellem lis-sur Marmara’ fid-Dipartiment u dan kien qallu li l-ittra kienet tirreferi ghal xi arretrati tat-taxxa ghal snin 1995 sal-1998. Ghalhekk hu ghamel ftehim mad-Dipartiment fejn kellu jhallas sebgha u ghoxrin lira Maltija (Lm27) fix-xahar .

L-attur ikompli jghid li qabel ma sseparaw kemm hu kif ukoll martu kienu jahdmu u kienu jimlew il-prospett tat-taxxa b’komputazzjoni separata. Kien ghalhekk li kien jispjega lid-Dipartiment x’kellu jaghmel dwar dawn l-arretrati peress li kien separat. Dawn kienu nfurmawh li mid-Dipartiment kollox kellu jinhareg fuq ismu u ghalhekk lilu jafu. L-arrangjamenti dwar pagamenti mbaghad kellu jiehu hsiebhom hu.

L-attur jikkonferma li anke fiz-zmien meta kienu flimkien, gieli ircevew kont ta’ arretrati ta’ taxxa u dawn kien johorgu f’ismu, minkejja li kienu jaghmlu komputazzjoni separata. Dwar dawn l-arretrati, pero’ l-attur jichad li qatt ircieva xi ittra fl-1999, kif infurmawh mid-Dipartiment, kien biss fl-2003 li ircieva ittra l-ewwel darba.

L-attur jikkonferma li inkluzi fl-arretrati kien hemm il-perjodu meta kienet tahdem l-konvenuta.

L-attur jghid li hu kien hallas lid-Dipartiment tnax-il lira Maltin (Lm12) immedjatament u dan minhabba meta kkalkulaw li jhallas ammont mensilment ta’ sebgha u ghoxrin lira Maltin (Lm27), kien baqa’ bilanc ta’ tnax-il lira Maltin (Lm12). Hu ghamel ftehim f’dan is-sens li gie ffirmat.

L-attur jispjega illi qed jippretendi li l-konvenuta thallas nofs dan l-ammont u cioe tlettax il-lira Maltin u hamsin centezmu (Lm13.50c). Meta kien informa lill-mara b’dan il-ftehim ma tantx kienet hadet gost u ghalhekk kien

issuggerixxa illi jnaqqas sehemha mill-ammont ta' manteniment li jhallas mensilment, izda minhabba f'hekk, il-konvenuta hadet passi kriminali kontra l-attur, pero' intlahaq ftehim u hallas l-arretrati ta' manteniment li kien hemm.

In kontro-ezami, l-attur jispjega illi kien ghall-habta ta' Mejju, 2004 li kien iffirma il-ftehim. Meta qal lill-konvenuta kien diga' iffirma kuntratt mad-Dipartiment. Sa' llum, l-attur jikkonferma li huwa ihallas is-somma ta' sebgha u ghoxrin lira Maltin (Lm27) .

L-attur ighid li kien jircievi l-kontijiet tat-taxxi u l-arretrati f'ismu. Esebixxa kontijiet ta' arretrati li jkopru s-snin 1981, 1989, 1991 u 1992.

Ghal perjodu 1989 ighid li kienu hallsuh flimkien, izda kien iffirma hu wahdu. Ighid li l-kontijiet kienu jinhargu f'ismu peress li hu kien il-kap tal-komunjoni tal-akkwisti. Madanakollu, il-prospett tat-taxxa kienu jimlewha flimkien, izda l-mara kienet taghmel komputazzjoni separata. Minn dejjem kienet tahdem. Ghal perjodu in kwistjoni l-mara tal-attur kienet ghamlet taxxa separata ukoll.

L-attur ighid ukoll li d-dejn li kien hemm mad-Dipartiment kien jghajjat lilu ghaliex kien il-kap tal-kommunjoni u lilu kienu jafu, pero' skond klawsoli E u F tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 8 ta' Marzu, 2003, kienu ftehmu li jiffirmaw income tax return separatament u dejn ezistenti wara d-data tal-kuntratt kulhadd kien responsabbli ghalih individwalment.

Dak li hemm f'dokument 4 jirreferi ghal perjodu meta kienu ghadhom ighixu flimkien u jikkonsisti f'dejn tal-kommunjoni.

Kien l-attur stess li wasal ghal ftehim mad-Dipartiment u mhux il-mara. Kien ftiehem li jhallsu seba' u ghoxrin lira (Lm27). Kien hallas tnax-il lira immedjatament u dan sabiex seta' jikkalkulaw l-ammont fuq imsemmi mensilment. Jispjega li dawn l-arretrati jirreferu ghal perjodu meta kienu ghadhom flimkien u fil-fatt mid-

Dipartiment kienu baghtu ittra, izda ma jiftakarx li qatt irceviha, izda jikkonferma li mid-Dipartiment stess kienu qalulu li l-ittra li ircieva fl-2004 kienet tirreferi ukoll ghal arretrati tal-1999.

L-attur ighid li beda jhallas regolarment sabiex jevita l-multi. Meta talab lid-Dipartiment sabiex jinfurmaw lill-mara peress li kienu ghaddejjin bis-separazzjoni kienu infurmawh li huwa kienu jafu lilu.

Ra x-xhieda ta’ Rita Micallef li tispjega li hi kienet tahdem bhala nurse u minn dejjem hi u r-ragel kienu jimlew income tax return wahda. Pero’ tispjega li l-kontijiet dejjem kienu jinhargu f’isem ir-ragel. Ir-refunds kien jehodhom u jircevihom f’ismu.

Wara d-data tas-separazzjoni kienu ftehmu li l-kontijiet li jinhargu f’isimha kellha tassumihom hi, filwaqt li dawk li jinhargu f’isem ir-ragel kellu jassumihom hu. L-ispejjes tal-kontijiet tad-dar kellha thallashom hi u minn meta telaq mid-dar ir-ragel f’Novembru, 2002 sa’ Mejju, 2003, meta ffirmaw s-separazzjoni kienet hallset kollox hi.

Il-konvenuta tghid li kienu jimlew l-income tax flimkien u l-komputazzjoni kienet ssir flimkien ukoll, tant li meta kienu jeccedu certu ammont kellu jhallas it-taxxa fuqha.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

L-interpretazzjoni moghtija mill-attur f’dan il-kaz hija li l-arretrati tat-taxxa jirrapprezentaw dejn tal-kommunjoni tal-akkwisti, minkejja li kien hemm ftehim ta’ separazzjoni u ghaldaqstant qed jippretendi li l-konvenuta thallas nofs dawn l-arretrati u dan ukoll minhabba li l-komputazzjoni kienet issir flimkien f’dak iz-zmien.

Minn naha l-ohra, l-konvenuta ssostni li m’ghandhiex thallas nofs dawn l-arretrati ghaliex id-dipartiment kienu jafu lill-attur biss. Inoltre, fil-kuntratt ta’ separazzjoni hemm

miftiehem x'dejn  kellha thallas hi u l-bqija kulhadd kien responsabbli ghad-dejn li kkuntratta hu.

Ukoll isostni li l-attur naqas li jgib provi fuq il-percentagg ta' introjtu li kellha f'dak il-perjodu u ghalhekk x'arretrati kellha thallas.

Id-Dipartiment tat-Taxxi Interni talbu hlas ta' arretrati ghas-sena ta' stima 1995 sas-sena ta' stima 1998. Huwa minnu li dan il-kont inhareg f'isem l-attur biss u l-arrangjament u ftehim ghal hlas ta' arretrati fis-somma ta' sebgha u ghoxrin lira Maltin (Lm27) sar bejn l-istess attur u d-Dipartiment.

Gie stabbilit li kemm l-attur kif ukoll il-konvenuta dejjem hadmu u kienu jaghmlu komputazzjoni flimkien, izda l-prospett dejjem kien jinhareg f'isem l-attur. Kien biss fil-kuntratt ta' separazzjoni datat 8 ta' Marzu, 2003 li gie miftiehem li jimlew l-income tax return separatament.

Il-punt li jrid jigi stabbilit huwa jekk dan id-dejn huwiex debitu tal-kommunjoni jew biss dejn li ghandu jigi assenjat lill-attur biss per konsegwenza ta' separazzjoni bejn il-konjugi Micallef.

Id-dejn  jirreferi ghal arretrati ta' taxxa fiz-zmien meta il-konjugi Micallef kienu ghadhom flimkien u jirrizulta inoltre li t-tnejn li huma ma kienux konsapevoli tal-ezistenza ta' dawn l-arretrati. Minkejja li ma gie stipulat xejn fir-rigward ta' taxxa fil-kuntratt ta' separazzjoni ghandu jigi osservat illi dan it-Tribunal ghandu jikkunsidra dawn l-arretrati bhala debitu tal-kommunjoni, partikolarment minhabba l-perjodu li qed issir referenza ghalih, kif ukoll minhabba li l-partijiet jidhru kienu in *bona fide* meta fil-kuntratt ta' separazzjoni ma semmew xejn fuq dan il-punt.

Madanakollu, f'klawsola (j) a pagna 8 tal-kuntratt ta' separazzjoni, gie miftiehem illi :-

***"Sakemm ma jigix mod iehor miftiehem f'dana l-att, il-partijiet jiftiehmu illi d-dejn gravanti l-komunjoni tal-akkwisti jkun a karigu esklussiv tal-parti li jkun***

***ikkuntrattat tali dejn. Il-partijiet qedghin bil-presenti jassumu kull responsabblita' ghal hlas ta' kull dejn u ghall-ezekuzzjoni ta' kull obbligu assunti minnhom qabel id-data ta' llum jew assenjat lilhom jew assunt minnhom rispettivament skond dana l-att u ghal dan il-ghan ukoll kull parti qiedgha tobbliga ruhha illi thallas id-dejn hekk pagabbli minnha u tobbliga ruhha illi tiddenizza lill-parti l-ohra f'kaz illi dik il-parti tkun kostretta thallas tali dejn."***

L-interpretazzjoni li ghandha tinghata lil din il-klawsola hija wahda fis-sens li la darba il-partijiet naqsu li jistipulaw il-posizzjoni taghhom in kwantu jirrigwarda arretrati ta' taxxa, id-dejn tal-komunjoni ghandu jibqa' a karigu esklussiv tal-parti li tkun ikkuntrattat tali dejn.

It-Tribunal mhix propens li jaccetta it-tesi tal-konvenuta li gia gie miftiehem fuq id-dejn li kellha thallas hi skond klawsola (i) a pagna 8 tal-kuntratt ta' separazzjoni, ghaliex dawn huma limitati ghas-servizzi li kienu jinstabu fid-dar matrimonjali. Dejn iehor gie imsemmi b'mod generali. Lanqas tista' tinghata valur l-interpretazzjoni tal-konvenuta li d-dejn huwa biss tal-attur ghaliex l-kont inhareg f'isem l-attur biss u kienet diga' saret is-separazzjoni.

Fl-ahharnett, irid jigi stabbilit li jekk kemm il-darba id-dejn huwa tal-kommunjoni, jekk dan ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet jew le. It-taxxa tinhadem skond l-introjtu tal-persuna u peress li l-konjugi Micallef, it-tnejn kienu jahdmu fil-perjodu li fuqhom saret it-talba ghal hlas ta' arretrati u li fuqhom ghamel ftehim l-attur, it-Tribunal ihoss li ma jkunx gust li dan id-dejn gravanti l-kommunjoni jinqasam b'mod ugwali, izda minflok ghandu jigu stabbilit il-percentagg ta' taxxa dovuta mill-konvenuta f'dak il-perjodu. Dan huwa ukoll konformi mal-istipulazzjoni fuq imsemmija tal-kuntratt.

Dwar provi migbura f'dan il-kuntest ghandu jigi osservat ill l-attur ipproduca l-income tax return ghas-sena bazi 1997 (sena ta' stima 1998) fejn l-introjtu tal-mara gie ddikjarat bhala dak ta' erbat elef mitejn wiehed u erbghin lira Maltin,

hamsa u erbghin centezmu (Lm4241.45c), filwaqt li l-introjtu tieghu gie ddikjarat bhala ammontanti ghal sitt elef tlett mija tnejn u sebghin lira Maltin, u tmintax-il centezmu (Lm6372.18c).

It-taxxa dovuta mill-attur u mill-konvenuta kien jammonta ghal tlett mija disa' u disghin lira Maltin, tlieta u erbghin centezmu (Lm399.43) u sitta u tlettin lira Maltin wiehed u ghoxrin centezmu (Lm36.21) rispettivament u jekk kellu jinhadem percentagg, it-taxxa dovuta mill-konvenuta huwa 9% ta' dak dovut mill-attur. L-istess percentagg jintlahaq ghal dak li jirrigwarda l-hlas tal-PAYE, kif jirrizulta mid-Dokument RM8 esibit mill-attur.

L-attur ma gabx provi ohra dwar l-introjtu tal-mara ghas-snin ta' stima 1995-1998 u lanqas it-Tribunal ma jista' jiehu "average" tal-percentagg ghall-perjodi li fih m'hemmx indikazzjoni tal-introjtu tal-konvenuta. L-attur ipprezenta biss P3 (Dokument RM3) tal-konvenuta fejn l-introjtu taghha f'dak iz-zmien (sena ta' stima 1994) kien jammonta ghal elf u seba'mija u lira Maltin (Lm1701) u ghalhekk mhux taxabbli. Bejn sena ta' stima 1995 u 1998 jidher li hemm bdil sostanzjali fl-introjtu tal-konvenuta u ghalhekk it-Tribunal ihoss li mill-provi migjuba ma jistax jaghmel kalkulazzjonjiet bl-addocc, izda ghandu jillimita ruhu fuq dak li huma fatti stabbiliti u ghandhom jigu kkalkolati l-ahhar sentejn ghaliex l-probabilita' hija li ftit jew xejn jkun inbiddel l-introjtu tal-konvenuta li donnha dejjem baqqget tahdem fl-istess ambjent tas-sahha bhala casual nurse.

Ghaldaqstant ghal arretrati tas-snin ta' stima 1997 u 1998, it-Tribunal ihoss li l-konvenuta ghandha tikkontribwixxi bid-9% fuq l-arretrati mitluba u cioe' (a) sena ta' stima 1997 – Lm80 (9% ta' Lm80 =Lm7.20) u (b) sena ta' stima 1998 - Lm12 (9% ta' Lm12 = Lm1.08) total Lm8.28.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jichad it-talbiet tal-attur in parte b'dana illi, minkejja li t-taxxa kienet tigi ddikjarata konguntivament ghaliex it-tnejn kienu jahdum u jaqilghu l-flus, ghandha thallas biss lill-attur is-somma ta' tmien liri tmienja u ghoxrin centezmu (Lm8.28), kif kkalkulat qabel,

b'dana illi l-attur ghandu jibqa' jhallas lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

It-Tribunal jordna li kopja legali ta-sentenza ghandha tigi notifikata lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

Bl-ispejjes zewg terzi ghall-attur u terz ghall-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------